MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 250/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Doris Montebello**
***… omissis …***
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Doris Montebello talli:

(1) Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2002, u fil-jiem ta'qabel din id-data, f'diversi postijiet f'Malta, bi hsieb li taghmel xi qliegh li jkun, ghenet, assistiet, tat parir jew habirket biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta, sew

barra minn Malta ikkongurat f'dak is-sens ma' xi persuni ohra;

(2) Fil-jiem ta' qabel it-3 ta' Ottubru 2002, f'diversi postijiet f'Malta assocjat ruhha flimkien u/jew ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta;

(3) Saret recidiva b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Ottubru 1995 u tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Awla 10 – ta' l-4 ta' Mejju 1995;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Awwissu 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 337A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmija Doris Montebello hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha b'dan li r-reat taht l-artikolu 48A ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkunsmat, cioe` dak taht l-artikolu 337A ta' l-istess Kap. 9, u kkundannatha ghall-piena karcerarja ta' tliet snin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Doris Montebello pprezentat fid-19 ta' Awwissu 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti: (1) tiddikjara li s-sentenza appellat mhijiex ezegwibbli fil-konfront taghha u ma tikkostitwixxi l-ebda stat fil-konfront taghha; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara l-proceduri mehudin fil-konfront taghha nulli u bla effett u konsegwentement s-sentenza moghtija fl-istess proceduri fl-ismijiet fuq premessi nulla u bla effett essendo li tali proceduri ma gewx istitwiti skond il-ligi; (3) minghajr pregudizzju, tiddikjara li l-fatti migjuba fis-sentenza appellata jikkoncernaw reat suggett ghal piena li taqbez il-kmpetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement thassar l-istess sentenza moghtija nhar-it 8 ta' Awissu 2005 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi u tibghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tipprocedi skond il-ligi; (4) minghajr pregudizzju ghat-telbiet premessi, thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza appellate f'dik il-parti taghha fejn iddikaratha hatja ta' l-akkuza kollha lilha addebitata u

konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena, u fl-eventwalita` li ma jigux milqugha l-aggravji fuq il-mertu, tirriforma u tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel tliet aggravji ta’ l-appellanti u li sejrin jigu trattati *seriatim*:

Permezz ta’ l-ewwel aggravju l-appellanti tissottometti illi s-sentenza appellata mhijiex ezegwibbli fil-konfront taghha peress illi, ghalkemm hija maghrufa bhala Doris, effettivament jisimha Maria Dolores kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha.
Huwa minnu illi fic-certifikat tat-twelid ta’ l-appellanti numru 7119/1951 (a fol. 448), l-ismijiet moghtijin lilha huma ndikati bhala Maria Dolores, Carmela, Maria filwaqt illi l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha huwa ndikat bhala Maria Dolores. Issa, hija giet akkuzata bhala “Doris Montebello, ta’ 51 sena, mart Anthony, bint Victor Vella u Salvina xebba Said, imwielda l-Mosta nhar is-26 ta’ Settembru 1951, residenti 147 Triq il-Kostituzzjoni, Mosta u detentrici ta’ karta ta’ identita` numru 711951(M)”. Meta nbdew il-proceduri kontra taghha fil-prim’istanza u l-appellanti giet mistoqsija tiddikjara x’isimha u x’inhu kunjomha, <u>hija ddikjarat li jisimha “Doris Montebello”</u>. Jigifieri l-appellanti qaghdet, cioe` ssokkombiet u wiegbet ghall-isem “Doris” u dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti ghal dikjarazzjoni quddiem l-ewwel Qorti li hi jisimha “Doris”.

Barra minn hekk, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet: Ghall-mistoqsijiet sussegwenti l-appellanti wiegbet li ghandha 51 sena, twieldet il-Mosta, toqghod 147 Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, hija *“housewife”* b’dan illi f’parentesi giet indikata l-kelma “kummerc”, missierha jismu Victor Vella u hu mejjet, hi mizzewga lil Anthony u mhijiex hatja. Mic-certifikat tat-twelid imsemmi

fil-fatt jirrizulta illi t-tarbija twieldet il-Mosta, li twieldet fit-28 ta’ Settembru 1951 (51 sena qabel ma nbdew il-proceduri kontra l-appellanti) u li missier it-tarbija kien jismu Victor Vella. Imbaghad meta ffirmat id-dokumenti relatati ma’ l-ghoti tal-helsien mill-arrest, hija ffirmat bhala “M’Doris Montebello”. Ir-rikorsipprezentat fis-17 ta’ Ottubru 2002 biex jinstema’ xhud b’urgenza gie ntestat bhala rikors ta’ “Doris Montebello” (a fol. 110). F’zewg rikorsi pprezentati mid-difensur ta’ l-appellanti (a fol. 340 u fol. 349) fejn talab differiment, irrefera ghall-klijenta tieghu bhala “Doris Montebello”. In-nota ta’ osservazzjonijiet ipprezentata fit-30 ta’ Gunju 2005 hi ntestata bhala nota ta’ “Doris Montebello li ghandha karta ta’ identita` numru 711951(M) ta’ 147 Triq il-Kostituzzjoni, Mosta”.

F’kazijiet analogi decizi minn din il-Qorti diversament presjeduta ntqal illi din il-Qorti ma tarax kif, meta imputat iwiegeb huwa stess lill-Qorti li jkun jismu proprju kif ikun gie akkuzat, meta jigi mistoqsi ismu fl-ezami interrogatorju, ghandu wara xi dritt jiddikjara li dahaq bil-Qorti u jevadi l-effetti tas-sentenza (ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Charlie Zammit**, 30 ta’ Novembru 1990; **Il-Pulizija v. Karl Muscat et**, 28 ta’ Mejju 1993). Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rose Jane Zammit**, 3 ta’ Frar 1995, intqal hekk:

**“Kieku dan kien kaz ta’ kumpilazzjoni – li allura kien ifisser imputazzjoni ta’ reati ferm aktar serji minn dawk addebitati lill-appellata odjerna – il-Qorti Istruttorja kienet tistaqsi lill-imputata isimha u kunjomha, l-eta` taghha, il-post fejn twieldet u fejn toqghod, is-sengha, professjoni jew stat iehor taghha, isem u kunjom missierha u jekk dan missierha hux haj jew mejjet (artikolu 392(1)(a) tal-Kap. 9). Fil-prassi kemm tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll ta’ din il-Qorti, meta persuna taghti f’dan il-kaz isem jew kunjom li jirrizulta li jkun zbaljat, ma tistax wara tikkapitalizza fuq dak l-izball biex tevadi l-gustizzja (ara f’dan is-sens *Il-Pulizija v. Charlie Zammit*, App. Krim. 30/11/90 u *Il-Pulizija v. Karl Muscat u Derrick Burdett*, App. Krim. 28/5/93).”**

Ara wkoll is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta’ Mejju 2006 fl-ismijiet **Emanuel Gauci v. l-Avukat Generali**.

Fid-dawl ta’ dan kollu ma jistax ikun hemm kwistjoni dwar l-identita` ta’ l-appellanti u dwar l-esegwibilita` kemm ta’ l-ewwel sentenza kif ukoll ta’ din is-sentenza u kull sentenza ohra sussegwenti. Ghal kull bwon fini, pero`, qed jigi dikjarat, issa li l-appellanti stess qed tiddikjara li hi proprjament mhijiex “Doris” izda “Maria Dolores”, illi l-persuna li qieghda tigi processata hija proprju l-istess Maria Dolores Montebello xebba Vella li fil-prim’istanza rrispondiet li jisimha Doris Montebello. Ghalhekk din l-ewwel pregudizzjali qed tigi michudaa.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti qed issostni illi l-proceduri huma *ab initio* nulli peress illi ma gewx istitwiti mill-Kummissarju tal-Pulizija izda mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kif jirrizulta minn folio 1 tal-process. Tghid illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha huma bi ksur tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u mhux bi ksur tal-Kap. 217 fejn, per konsegwenza, tintalab il-hrug ta’ ordni ghat-tnehhija. Ir-reati dedotti kontra taghha huma reati fejn l-azzjoni tigi istitwita u titmexxa *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva. L-appellanti tkompli tghid illi huwa minnu li bis-sahha tan-nomina li trid issir fit-termini ta’ l-artikolu 3(1) tal-Kap. 217, l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni hekk nominat ikollu dawk is-setghat u dmirijiet kif imposti fuqu jew moghtija lilu bis-sahha ta’ l-istess Kap. 217, fosthom is-setgha li johrog ordni ta’ tnehhija; minkejja dan, pero`, l-appellanti tghid illi huwa car li hija kienet akkuzata b’reati kontemplati fil-Kap. 9 u ghalhekk il-proceduri kellhom necessarjament jigu istitwiti mill-Kummissarju tal-Pulizija u mhux mill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni kif gara f’dan il-kaz.

Din il-Qorti sejra tirreferi l-ewwelnett ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Cecil Pace** moghtija fl-1 ta’ Lulju 1994 fejn l-imputat appellant f’dak il-kaz argumenta li filwaqt li l-imputazzjoni kontra tieghu harget fl-ismijiet l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni kontra tieghu, is-

sentenza nghatat fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Cecil Pace' u din l-inkonsistenza fl-okkju ggib in-nullita` jew ta' l-imputazzjoni u/jew tas-sentenza appellata. Fis-sentenza taghha din il-Qorti qalet hekk:

**"2. A rigward dan l-ewwel aggravju jirrizulta mill-atti li l-imputat gie prezentat arrestat quddiem l-ewwel Qorti. Bit-terminu 'imputazzjoni' l-appellant qieghed jirriferixxi ovvjament ghar-rapport li l-Ispetturi tal-Pulizija Neville Xuereb u Neil Harrison ipprezentaw lill-Qorti tal-Magistrati meta ressqu quddiemha lill-imputat. Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 1 tal-process u fih l-okkju kif semma' l-imputat fir-rikors tieghu, u cioe` precizament, 'L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Spettur Neville Xuereb. Spettur Neil Harrison) vs Cecil Pace'.**

**"3. Ma jidher imkien fil-ligi li dan ir-rapport ghandu jkun fih l-okkju tal-kawza. Jigifieri l-assenza minnu ta' l-okkju ma taffettwax il-validita` tieghu. L-anqas allura a jaffettwa din il-validita` l-fatt li r-rapport ikun fih okkju li minflok 'Il-Pulizija' juri l-isem ta' xi hadd jew ta' xi awtorita` ohra, kif fih ir-rapport *de quo*. Ghalhekk m'hemmx nullita` ta' l-imputazzjoni kif issottometta l-appellanti."**

Din il-Qorti taqbel ma' dak li ntqal fis-sentenza msemmija. Barra minn hekk, pero`, fil-kaz in ezami, ir-rapport jinsab a fol. 3 tal-process u minn hemm jirrizulta illi r-rapport gie mwettaq fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb/Denise Mula) vs Doris Montebello et", jigifieri f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija u mhux f'isem l-Ufficjal ta' l-Immigrazzjoni. Is-sentenza citata mill-appellanti (Appell Kriminali **The Police v. Peter Paul Caruana**, 21 ta' Mejju 1996) mhux applikabbli ghall-kaz odjern. Il-fatt li ufficjal tal-Pulizija jkun qed jaghmel xoghol bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jew f'isem tali Ufficjali ma jfissirx li huwa jitlef id-dritt li jezercita d-doveri u l-poteri generali tieghu taht il-Kodici Kriminali. Ghalhekk anke din il-pregudizzjali hi michuda.

Bit-tielet aggravju taghha l-appellanti qed issostni illi r-reati li taghhom instabet hatja jaqbzu l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Tghid illi l-ewwel Qorti ddikjarat li f'dan il-kaz in-numru ta' persuni ttraffikati kien ta' aktar minn tlieta u ghaldaqstant kien applikabbli l-*proviso* ta' l-artikolu 337A. L-appellanti targumenta illi jekk kien applikabbli l-imsemmi *proviso*, allura bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 9, ir-reati li dwarhom instabet hatja jeccedu l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif stipulat fl-artikoli 370(3)(a) u 436(1) tal-Kap. 9. L-appellanti zzid tghid illi fl-akkuza originali l-applikazzjoni ta' l-imsemmi *proviso* ma kienx qieghed addebitat u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika *sua sponte* l-imsemmi *proviso*.

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali ta' l-4 ta' Awissu 2003 (a fol. 323), l-Avukat Generali ddikjara li mill-atti tal-kumpilazzjoni jidhirlu li tista' tinsab htija fil-konfront ta' l-appellanti (a) fl-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali u (b) fl-artikoli 48A u 337A tal-Kodici Kriminali. Bir-referenza li l-Avukat Generali ghamel ghall-artikolu "337A", huwa kien qieghed jirreferi ghall-artikolu shih u mhux ghal xi parti minnu. Biss, peress illi huwa ddecieda li jirreferi l-kaz ghall-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, huwa kien qieghed implicitament jirrinunzja ghal dik il-piena li setghet tezorbita mill-kompetenza ta' dik il-Qorti, f'dan il-kaz ghat-tielet grad imsemmi fl-ewwel *proviso* tas-subartiikolu (1) ta' l-artikolu 377A tal-Kodici Kriminali. Barra minn hekk, l-appellanti setghet, kieku riedet, toggezzjona li tigi ggudikata minn dik il-Qorti izda dan m'ghamlitux. Ghall-kuntrarju, kif jirrizulta mill-verbal tas-16 ta' Ottubru 2003, hija ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jinstema' minn dik il-Qorti. Inoltre l-appellanti ma sofriet l-ebda pregudizzju, anzi bbenefikat mill-fatt li l-Avukat Generali baghat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellanti tigi ggudikata min dik il-Qorti minflok mill-Qorti Kriminali. Konsegwentement dan l-aggravju qieghed jigi wkoll michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel tliet aggravji ta' l-appellanti u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------